# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

12,076] It-Tlieta, 24 ta' Ottubru, 1967 / *Tuesday 24th October, 1967* [Prezz 6*d*. / [*Price* 6*d*.


## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 696]

**AMBAXXATUR TA' MALTA GHAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA**

IL-MAESTA' Taghha r-Regina ghogobha tinnomina lis-Sur Philip Pullicino M.B.E. Ambaxatur ta' Malta ghall-Italja biex ikun fl-istess żmien Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta ghar-Repubblika ta' l-Awstrija.

L-24 ta' Ottubru, 1967.
(CFA 1600/65/IIIB)

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 696]

**AMBASSADOR OF MALTA TO THE REPUBLIC OF AUSTRIA**

HER Majesty the Queen has been pleased to appoint Mr Philip Pullicino M.B.E. Ambassador of Malta to Italy to be concurrently non resident Ambassador of Malta to the Republic of Austria.

24th October, 1967.

[Nru. 697]

**NOMINI — APPOINTMENTS**

L-Onorevoli l-Prim Ministru approva dan li ġej: —
*The Honourable the Prime Minister has approved the following:—*

| Isem *Name* | Dipartiment *Department* | Post *Post* | Data *Date* |
|---|---|---|---|
| Mr Tarcisio S. Fenech | — | Uffiċjal Skrivan *Clerical Officer* (OPM/E/723/64) | 26. 8.67 |
| Mr Carmel Debono | — | do. | 24. 9.67 |

L-24 ta' Ottubru, 1967.

24th October, 1967.

[Nru. 698]

## NOMINA TA' NUTAR DELEGAT

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, il-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Att Nutarili innominat lin-Nutar Joseph Sciberras delegat għan-Nutar Dottor Francis Micallef, B.A., LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

[No. 698]

## APPOINTMENT OF NOTARY DELEGATE

IT is hereby notified that, in the exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Joseph Sciberras to be Notary Delegate for Notary Doctor Francis Micallef, B.A., LL.D., during the latter's absence from these Islands.

24th October, 1967.

[Nru. 699]

## BOARD DWAR L-GĦAJNUNA LILL-INDUSTRIJI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tal-poteri mogħtijin bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industriji, l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali għoġbu jinnomina lil dawn il-persuni biex ikunu membri tal-Board dwar l-Għajnuna lill-Industriji għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru, 1967, sat-30 ta' Settembru, 1968 jew sad-data meta titwaqqaf id-*Development Corporation,* liema minnhom tkun l-aktar kmieni.

Segretarju, Ministeru tal-Kummerċ, Industrija u Agrikoltura — *Chairman*

Segretarju, Ministeru tax-Xogħol, Impiegi u Sigurtà

Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi

Kontrollur tad-Dwana

Assistent Segretarju Prinċipali, Ministeru tal-Finanzi, Dwana u Port

Assistent Segretarju Prinċipali, Taqsima ta' l-Ippjanar Ekonomiku, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Is-Sur Ant. Spiteri

Is-Sur L. Galea

Is-Sur M. Degiorgio

Is-Sur E. Ebejer.

L-14 ta' Ottubru, 1967.

(OPM/911/62)

[No. 699]

## AIDS TO INDUSTRIES BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by subsection (2) of section 3 of the Aids to Industries Ordinance, 1959, His Excellency the Governor-General has been pleased to appoint the following persons to be members of the Aids to Industries Board for the period from the 1st October, 1967, until the 30th September, 1968, or until the date when the Development Corporation is established, whichever is the earlier.

Secretary, Ministry of Trade, Industry and Agriculture — *Chairman*

Secretary, Ministry of Labour, Employment and Welfare

Director of Public Works

Comptroller of Customs

Director of Industry

Principal Assistant Secretary, Ministry of Finance, Customs and Port

Principal Assistant Secretary, Economic Planning Division, Office of the Prime Minister

Mr Ant. Spiteri

Mr L. Galea

Mr M. Degiorgio

Mr E. Ebejer.

14th October, 1967.

[Nru. 700]

**ORDINANZA DWAR L-EGĦLUQ TAL-ĠONNA PUBBLIĊI (CAP. 57)**

**Silver Jubilee Playground, Għawdex**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Egħluq tal-Ġonna Pubbliċi, l-Onor. Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Agrikoltura ordna illi s-Silver Jubilee Playground, Għawdex, għandu jkun magħluq għall-pubbliku mid-9 a.m. sal-5 p.m. fil-Ħdud u fil-Festi Pubbliċi fid-dati li ġejjin minħabba partiti li se jsiru mill-Gozo Football Association li tista' tordna l-ħlas ta' dritt tad-dħul:

1967

Ottubru: L-1, it-8, il-15, it-22, id-29;
Novembru: L-1, il-5, it-12, id-19, is-26;
Diċembru: It-3, l-10, is-17, l-24, il-25, il-31.

1968

Jannar: L-1, is-6, is-7, l-14, il-21, it-28;
Frar: L-4, l-10, il-11, it-18, il-25;
Marzu: It-3, l-10, is-17, id-19, l-24, il-31;
April: Is-7, l-14, il-21, it-28;
Mejju: Il-5, it-12, id-19, is-26.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

[No. 700]

**PUBLIC GARDENS CLOSING ORDINANCE (CAP. 57)**

**Silver Jubilee Playground, Gozo**

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by section 2 of the Public Gardens (closing) Ordinance, the Hon. Minister of Trade, Industry and Agriculture has ordered that the Silver Jubilee Playground, Gozo, shall be closed to the general public from 9 a.m. to 5 p.m. on Sundays and Public Holidays on the following dates in connexion with matches to be held by the Gozo Football Association who may require payment of an entrance fee:

1967

October: 1st, 8th, 15th, 22nd, 29th;
November: 1st, 5th 12th, 19th, 26th;
December: 3rd, 10th, 17th, 24th, 25th, 31st.

1968

January: 1st, 6th, 7th, 14th, 21st, 28th;
February: 4th, 10th, 11th, 18th, 25th;
March: 3rd, 10th, 17th, 19th, 24th, 31st;
April: 7th, 14th, 21st, 28th;
May: 5th, 12th, 19th, 26th.

24th October, 1967.

## AVVIŻI TAL-PULIZIJA

[Nru. 167]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81(1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf illi l-inġenji tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħin indikati minħabba festi reliġjużi.

**IŻ-ŻEJTUN**

Fil-25 ta' Novembru, 1967, bejn is-7 p.m. u nofs il-lejl minn Pjazza l-Kbira, Pjazza Gregorio Bonnici, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Pjazza Carlo Diacono, Triq San Pawl, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monika, Triq San Girgor, Triq Santu

## POLICE NOTICES

[No. 167]

In virtue of section 81(1) of the Code of Police Laws, (Chapter 13), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles will be suspended through the streets mentioned hereunder on the dates and time indicated in connection with religious festivities.

**ŻEJTUN**

On the 25th November, 1967, between 7 p.m. and 12 midnight through Main Square, Gregorio Bonnici Square, Mater Boni Consiglii Street, Carlo Diacono Square, St Paul's Street, St Mary Street, Luqa Briffa Street, St Monica Street, St Gregory Street, St Augustine

Wistin, Pjazza tal-Bandolier, Pjazza tal-Bjar, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Pjazza Santa Katerina u Triq Sant'Anġlu;

Fis-26 ta' Novembru, 1967, bejn l-4 p.m. u l-11 p.m. minn Triq il-Kbira, Pjazza Gregorio Bonnici, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Pjazza Carlo Diacono, Triq San Pawl, Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monika, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq Sant Antnin, Pjazza tal-Bandolier, Pjazza tal-Bjar, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Santa Katerina u Triq Sant'Anġlu.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

Street, Bondolier Square, Wells Square, St George's Street, Main Street, St Catherine Street and St Angelo Street;

On the 26th November, 1967, between 4 p.m. and 11 p.m. through Main Street, Gregorio Bonnici Square, Mater Boni Consiglii Street, Carlo Diacono Square, St Paul Street, St Mary Square, St Mary Street, Luqa Briffa Street, St Monica Street, St Gregory Street, St Augustine Street, St Anthony Street, Bandolier Square, Wells Square, St George's Street, Main Street, St Catherine Street and St Angelo Street.

24th October, 1967.

[Nru. 168]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13) il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt għall-perijodu indikat minħabba xogħlijiet tad-drenaġġ.

**ĦAL SAFI**

Mill-24 ta' Ottubru, 1967, sat-28 ta' Ottubru, 1967, minn parti minn Triq San Pawl, bejn Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija u Pjazza tal-Knisja.

It-traffiku kollu, inklużi l-Karrozzi tal-Linja taż-Żurrieq, li jitilqu miż-Żurrieq u jgħaddu minn Ħal Safi lejn Ħal Kirkop u viċi-versa, igħaddi minn Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Marija, Triq San Ġużepp u Triq San Pawl, Ħal Safi.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

[No. 168]

In virtue of section 81 (1) of the Code of Police Laws (Chapter 13) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended for the period indicated in connexion with drainage works.

**SAFI**

From 24th October, 1967, to the 28th October, 1967, through part of St Paul's Street, between St Joseph Street, St Mary Street and Church Square.

All vehicular traffic including Żurrieq Route Buses, proceeding from Żurrieq through Safi towards Kirkop and vice-versa, will be deviated through Church Square, St Mary Street, St Joseph Street and St Paul Street, Safi.

24th October, 1967.

[Nru. 169]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-inġenji tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-triq imminħabba t-tħaffir ta' fossa.

**IL-BUDAQQ**

Mit-30 ta' Ottubru, 1967, sat-18 ta' Novembru, 1967, minn Triq is-Salina, kantuniera mal-Budaqq.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

[No. 169]

In virtue of section 81 (1) of the Code of Police Laws (Chapter 13), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the street mentioned hereunder will be suspended on the dates indicated in connexion with the digging of a cesspit.

**BUDAQQ**

From 30th October, 1967, to 18th November, 1967, from Salina Road, corner with Budaqq.

24th October, 1967.

[Nru. 170]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija javża li se jsiru l-arranġamenti tat-traffiku li ġejjin minħabba l-festi u l-Fiera li se jsiru fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Martin fil-Baħrija, limiti tar-Rabat mit-8 a.m. 'il quddiem ta' nhar il-Ħadd, it-12 ta' Novembru, 1967.

Il-vetturi kollha li jkunu sejrin lejn il-Baħrija mid-direzzjoni tar-Rabat għandhom igħaddu mid-direzzjoni tas-Saqqajja, Triq il-Mużew, Pjazza tal-Mużew, Triq Għeriexem/Mtarfa għal Trejqet Għeriexem/Mtarfa jew imbagħad fiż-żewġ każi minn Triq il-Biċċerija lejn il-Pont tal-Fiddien, Triq Imtaħleb, Triq Wied Rini għall-Baħrija jew kif jiġu ordnati mill-Pulizija.

Il-vetturi kollha li jitilgħu mill-Baħrija jgħaddu minn Triq il-Baħrija, Triq Bieb Ir-Rua, il-Pont tal-Fiddien, Triq il-Biċċerija, Triq Ta' Slampa, Triq l-Imtarfa lejn Triq il-Mosta kif jiġu ordnati mill-Pulizija.

Il-vetturi li jkunu sejrin lejn il-Baħrija mid-direzzjoni ta' Triq l-Imġarr/Binġemma igħaddu għall-Baħrija minn Triq Bieb Ir-Rua, il-Pont tal-Fiddien Triq l-Imtaħleb u Triq Wied Rini kif jiġu ordnati mill-Pulizija.

Il-vetturi li jitilqu mill-inħawi tal-*parking* fil-Baħrija jgħaddu minn Triq Kunċizzjoni/Baħrija għal Triq Bieb Ir-Rua, il-Pont tal-Fiddien, Triq il-Biċċerija, Triq Ta' Slampa, Triq l-Imtarfa lejn Triq il-Mosta jew kif jiġu ordnati mill-Pulizija.

Ir-rotti msemmijin hawn fuq ikunu *one-way* kif speċifikati hawn fuq minbarra meta jkunu ordnati mod ieħor mill-Pulizija.

Il-Pulizija jistgħu jordnaw vetturi biex isuqu 'l bogħod mill-inħawi tal-Baħrija jew li ma jħallux vetturi milli jersqu lejn l-inħawi għal kollox jekk jikkunsidraw li ma jkunx hemm aktar spazju għall-ipparkjar.

L-ipparkjar fit-triq li tagħti għall-Baħrija jitħalla biss fejn il-Pulizija jkun jidhrilhom li t-triq hija wiesgħa biżżejjed biex jitħalla li jsir ipparkjar bħal dan bla ma jfixkel it-traffiku li jibqa' miexi sew.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

[No. 170]

In virtue of section 81 (1) of the Code of Police Laws (Chapter 13), the Commissioner of Police notifies that the following traffic arrangements will operate in connection with the forthcoming festivities and Fair on the occasion of St Martin's Feast at Baħrija, limits of Rabat from 8 a.m. onwards on Sunday, 12th November, 1967.

All vehicles proceeding to Baħrija from the direction of Rabat will approach from the direction to Saqqajja, Museum Road, Museum Esplanade, Għeriexem/Mtarfa Road to Għeriexem Mtarfa Road Junction, or thence in both cases through Il-Biċċerija Road towards Fiddien Bridge, Imtaħleb Road, Wied Rini Road to Baħrija or as directed by the Police.

All vehicles leaving Baħrija will proceed through Baħrija Road, Bieb Ir-Rua Road, Fiddien Bridge, Biċċerija Road, Ta' Slampa Road, Mtarfa Road towards Mosta Road as directed by the Police.

Vehicles proceeding to Baħrija from the direction of Mġarr/Binġemma Road will proceed to Baħrija via Bieb Ir-Rua, Fiddien Bridge, Mtaħleb Road and Wied Rini Road as directed by the Police.

Vehicles leaving Baħrija Parking area will leave via Kunċizzjoni/Baħrija Road to Bieb Ir-Rua Road, Fiddien Bridge, Il-Biċċerija Road, Ta' Slampa Road, Mtarfa Road towards Mosta Road or as directed by the Police.

The abovementioned routes will be one-way as specified above except where otherwise directed by the Police.

The Police may order vehicles to drive away from Baħrija area or to prohibit vehicles from approaching the area altogether if they consider that no further parking space is available.

Parking on the road leading to Baħrija will be permitted only where the Police deem the road to be sufficiently wide to allow such parking without hindering the free flow of traffic.

24th October, 1967.

**RAPPORT LI JURI N-NUMRU TOTALI U T-TUNNELLAĠĠ NETT TA' VAPURI LI WASLU U TELQU MINN MALTA MATUL IX-XAHAR TA' ĠUNJU, 1967**

**STATEMENT SHOWING THE TOTAL NUMBER AND NET TONNAGE OF SHIPS THAT ARRIVED AT AND DEPARTED FROM MALTA DURING THE MONTH OF JUNE, 1967**

| PAJJIŻ TAN-NAZZJONALITA' *COUNTRY OF NATIONALITY* | WASLU *ARRIVALS* Ta' 100 Tunnellata u inqas *100 Tons Gross and under* | | | WASLU *ARRIVALS* Fuq 100 Tunnellata *Over 100 Tons Gross* | | | TELQU *DEPARTURES* Ta' 100 Tunnellata u inqas *100 Tons Gross and under* | | | TELQU *DEPARTURES* Fuq 100 Tunnellata *Over 100 Tons Gross* | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru. *No.* | Tun. *Tons* | Tun. Netti *Tons* | Nru. *No.* | Tun. *Tons* | Tun. Netti *Tons* | Nru. *No.* | Tun. *Tons* | Tun. Netti *Tons* | Nru. *No.* | Tun. *Tons* | Tun. Netti *Tons* |
| Renju Unit—United Kingdom ... | 24 | 1,091 | 702 | 27 | 248,091 | 135,751 | 30 | 1,021 | 535 | 36 | 310,904 | 172,942 |
| Awstralja—Australia ... | 1 | 10 | 9 | — | — | — | 1 | 10 | 9 | — | — | — |
| Bahamas—Bahamas ... | — | — | — | — | — | — | 1 | 25 | 16 | — | — | — |
| Bermuda—Bermuda | — | — | — | 1 | 311 | 165 | — | — | | 1 | 311 | 165 |
| Malta—Malta ... ... | — | — | — | 10 | 3,817 | 1,940 | 5 | 18 | 102 | 9 | 3,304 | 1,584 |
| Awstrija—Austria ... | 1 | 22 | 17 | — | — | — | 1 | 22 | 17 | — | — | — |
| Belġju—Belgium ... | 1 | 78 | 55 | — | — | — | 2 | 156 | 115 | — | — | — |
| Danimarka—Denmark | 2 | 12 | 10 | 5 | 4 8-5 | 2,635 | 1 | 11 | 9 | 6 | 6,731 | 3,603 |
| Finlandja—Finland .. | — | — | — | 1 | 9,815 | 5,726 | — | — | — | — | — | — |
| Franza—France ... | 1 | 9 | 6 | 4 | 35,827 | 22,270 | — | — | — | 4 | 46,351 | 27,591 |
| Ġermanja tal-Punent—Germany W. ... ... | 1 | 25 | 14 | 5 | 4,662 | 2,616 | 1 | 25 | 14 | 5 | 4,662 | 2,616 |
| Ġermanja tal-Lvant—East Germany ... | — | — | — | 2 | 7,660 | 3 994 | — | — | — | 1 | 2,315 | 1,033 |
| Greċja—Greece... ... | 3 | 104 | 81 | 16 | 89.161 | 43.798 | 3 | 104 | 81 | 16 | 69,[illegible]97 | 31,580 |
| Iżrael—Israel ... ... | — | — | — | 1 | 3[illegible],269 | 1.993 | — | — | — | 1 | 3,269 | 1,9[illegible]3 |
| Italja—Italy ... ... | 58 | 836 | 540 | 71 | 160,005 | 94,165 | 64 | 813 | 551 | 69 | 167,555 | 93,404 |
| Ġappun—Japan ... | | — | — | 1 | 10,499 | 6,[illegible]78 | — | — | — | 1 | 10,499 | 6,378 |
| Lebanon—Lebanon ... | — | — | — | 3 | 7,482 | 4.323 | — | - | — | 1 | 1,980 | 1,351 |
| Liberja—Liberia ... | — | — | — | 6 | 138,517 | 92.957 | — | — | — | 7 | 134,567 | 87,840 |
| Olanda—Netherlands ... | — | — | — | 11 | 30,484 | 17,083 | — | — | — | 11 | 30.484 | 17.083 |
| Norveġja—Norway ... | — | — | — | 4 | 11,730 | 6,070 | 1 | 60 | 40 | 6 | 42,096 | 24,576 |
| Panama—Panama ... | 1 | 50 | 29 | 2 | 1,106 | 561 | 1 | 50 | 29 | 3 | 1,206 | 632 |
| Polonja—Poland ... | — | — | — | 1 | 2.684 | 1,389 | — | — | — | 1 | 2,684 | 1.389 |
| Portugal—Portugal ... | — | — | — | 1 | 17.557 | 12,467 | — | — | — | 1 | 17 557 | 12.467 |
| Spanja—Spain ... ... | — | — | — | 1 | 4,438 | 1,837 | — | — | — | 1 | 4,438 | 1,837 |
| Svezja—Sweden... ... | — | — | — | 5 | 10.2 5 | 4,7[illegible]3 | — | — | — | 6 | 47,202 | 24,958 |
| Svizzera—Switzerland... | — | — | — | 1 | 320 | 214 | — | — | — | 1 | 320 | 214 |
| Turkija—Turkey ... | — | — | — | 2 | 6,070 | 3,257 | — | | — | 2 | 6.070 | 3,257 |
| U.S.A.—U.S.A. ... .. | 1 | 20 | 11 | 2 | 7.197 | 4,223 | 1 | 15 | 10 | 2 | 7.180 | 4.231 |
| U.S.S.R.—U.S.S.R. ... | — | — | — | 2 | 39 097 | 20.354 | — | — | — | 2 | 39.097 | 20,354 |
| Jugoslavja—Yugoslavia | — | — | — | 4 | 6,415 | 3,187 | — | — | — | 4 | 6,415 | 3,187 |
| TOTAL | 94 | 2,257 | 1,474 | 189 | 870,304 | 494,096 | 112 | 2,493 | 1,628 | 197 | 966,594 | 546,270 |

**RAPPORT LI JURI N-NUMRU TOTALI U T-TUNNELLAĠĠ NETT TA' AJRUPLANI LI WASLU U TELQU MINN MALTA MATUL IX-XAHAR TA' ĠUNJU, 1967**

**STATEMENT SHOWING THE TOTAL NUMBER AND TONNAGE OF AIRCRAFT WHICH ARRIVED AT AND DEPARTED FROM MALTA DURING THE MONTH OF JUNE, 1967**

| PAJJIŻ TAN-NAZZJONALITA' *COUNTRY OF NATIONALITY* | WASLU *ARRIVALS* Nru. *No* | WASLU *ARRIVALS* Tunnellaġġ *Tonnage* | TELQU *DEPARTURES* Nru. *No* | TELQU *DEPARTURES* Tunnellaġġ *Tonnage* |
|---|---|---|---|---|
| Renju Unit—United Kingdom ... ... ... ... | 181 | 9,904 4 | 183 | 9,970.3 |
| Pakistan—Pakistan ... ... ... ... | 1 | 1.9 | 1 | 1.9 |
| Belgium—Belgium ... ... ... ... | 1 | 32.6 | 1 | 32 6 |
| Denimarka—Denmark .. ... ... ... | 1 | 5.9 | 1 | 5 9 |
| Germanja tal-Punent—Germany W. ... ... | 7 | 446 6 | 7 | 446.6 |
| Greċja—Greece ... ... ... ... ... ... | 5 | 352.5 | 5 | 352 5 |
| Iżrael—Israel ... ... ... ... ... ... | 2 | 278.8 | 2 | 278.8 |
| Italja—Italy ... ... ... ... ... ... | 42 | 1,050.2 | 42 | 1,050.2 |
| Zvizzera—Switzerland ... ... ... ... | 2 | 92.4 | 2 | 92.4 |
| Tuneżija—Tunisia ... ... ... ... ... | 9 | 1 23 | 9 | 112 3 |
| U.S.A.—U.S.A. ... ... ... ... ... | 4 | 84.2 | 3 | 37.5 |
| TOTAL | 255 | 12,561.8 | 256 | 12,381.0 |

L-24 ta' Ottubru, 1967. 24th October, 1967.

**NUMRU U TUNNELLAĠĠ TA' VAPURI LI WASLU MALTA MATUL IL-ĠIMGĦA LI GĦALQET IL-ĠIMGĦA FL-14 TA' LULJU 1967, MQASSMIN B'NAZZJONALITA'**

NUMBER AND TONNAGE OF VESSELS THAT CALLED AT MALTA DURING WEEK ENDING FRIDAY 14th JULY, 1967, CLASSIFIED BY NATIONALITY.

| Nazzjonalità *Nationality* | Ta' 100 Tunnellata u taħthom *100 Tons Gross & Under* | | | Fuq 100 Tunnellata *Over 100 Tons Gross* | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru. *No.* | Tunnellaġġ Netti *Gross Tons* | Tunnellaġġ Netti *Net Tons* | Nru. *No.* | Tunnellaġġ Netti *Gross Tons* | Tunnellaġġ Netti *Net Tons* |
| Renju Unit—United Kingdom ... | 5 | 140 | 97 | 6 | 32,172 | 17,726 |
| Malta—Malta ... ... ... | 1 | 60 | 30 | 4 | 1,583 | 737 |
| Belġju—Belgium ... ... ... | 1 | 90 | 46 | — | — | — |
| Bulgarija—Bulgaria ... ... ... | — | — | — | 1 | 4,569 | 2,774 |
| Danimarka—Denmark ... ... | — | — | — | 1 | 1,798 | 913 |
| Franza—France ... ... ... | — | — | — | 1 | 500 | 281 |
| Ġermanja tal-Punent—West Germany | — | — | — | 1 | 497 | 307 |
| Greċja—Greece ... ... ... | — | — | — | 2 | 10,785 | 4,569 |
| Italja—Italy .. ... ... ... | 2 | 13 | 12 | 18 | 44,365 | 24,536 |
| Olanda—Netherlands... ... ... | — | — | — | 2 | 991 | 522 |
| Panama—Panama ... ... .. | 1 | 50 | 29 | 2 | 2,910 | 1,468 |
| Polonja—Poland ... ... ... | — | — | — | 1 | 2,872 | 1,535 |
| Spanja—Spain ... ... ... | — | — | — | 1 | 2,000 | 1,042 |
| Svezja—Sweden ... ... ... | — | — | — | 1 | 1,894 | 1,000 |
| Jugoslavja—Yugoslavia ... ... | — | — | — | 3 | 3,012 | 1,255 |
| TOTAL ... ... | 10 | 353 | 214 | 44 | 109,948 | 58,665 |

**NUMRU U TUNNELLAĠĠ TA' AJRUPLANI LI WASLU MALTA MATUL IL-ĠIMGĦA LI GĦALQET IL-ĠIMGĦA, FL-14 TA' LULJU, 1967, MQASSMIN B'NAZZJONALITA'**

NUMBER AND TONNAGE OF AIRCRAFT THAT CALLED AT MALTA DURING WEEK ENDING FRIDAY 14th JULY, 1967, CLASSIFIED BY NATIONALITY.

| Nazzjonalità *Nationality* | Numru *Number* | Tunnellaġġ *Tonnage* |
|---|---|---|
| Renju Unit—United Kingdom ... ... | 49 | 2854.4 |
| Ġermanja tal-Punent—West Germany ... | 1 | 63.8 |
| Iżrael—Israel ... ... ... ... | 1 | 139.0 |
| Italja—Italy ... ... ... ... | 10 | 225.5 |
| Tuneżija—Tunisia ... ... ... .. | 3 | 70.1 |
| U.S.A.—U.S.A. ... ... ... ... | 1 | 11.3 |
| TOTAL ... ... ... | 65 | 3.364.1 |

Il-figura ta' 100 tunnellata ġiet adottata għaliex hija l-figura użata fit-tabelli prinċipali tas-sommarju ippubblikati kull sena minn Lloyds.

*The figure of 100 tons has been adopted because it is the one used in the main summary tables published annually by Lloyds.*

L-24 ta' Ottubru, 1967. 24th October, 1967.

## Junior Foremen Temporanji fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni javża li f'Diċembru, 1967, għandu jsir eżami kompetitiv għall-impieg ta' Junior Foremen Temporanji fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-pagi annessi mal-kariga huma 146/- fil-ġimgħa li jitla' bi 3/9 fil-ġimgħa kull sentejn sa 165/-. Barra minn dan titħallas żieda ta' 8%.

2. Il-Kandidati jridu:—

i) jkunu mingħajr ebda difett fiżiku jew mentali jew mard li jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa tad-doveri tagħhom;

ii) jkunu ta' karattru morali tajjeb (ma' l-applikazzjoni għandu jintbagħat ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija);

iii) jkunu 'l fuq minn 18-il sena u taħt l-40 sena fl-aħħar ġurnata iffissata biex fiha jiġu milqugħin l-applikazzjonijiet, (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tat-twelid);

iv) jkunu ċittadini ta' Malta;

v) jkollhom liċenza ta' bennej.

3. L-applikazzjonijiet għan-nomina biex wieħed jersaq għall-eżami flimkien ma' dritt ta' 15/- jiġu milqugħin mir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Il-Belt Valletta, mhux aktar tard mill-5 p.m. tal-Ġimgħa, l-24 ta' Novembru, 1967. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss ammissibbli) jistgħu jiġu akkwistati mingħand ir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet, minn nhar it-Tnejn, it-13 ta' Novembru, 1967.

4. Is-suġġetti ta' l-eżami ser ikunu:—

### PARTI I

Obbligatorji

| | Mass. | Min. |
|---|---|---|
| i) Ligwi: | | |
| a) Ingliż—Komponiment, inkluża l-kitba ta' ittri; Traduzzjoni mill-Malti; | | |
| b) Malti — Traduzzjoni mill-Ingliż ... ... ... | 200 | 100 |

## Temporary Junior Foremen in the Public Works Department

The Director of Education notifies that a competitive examination for employment as Temporary Junior Foremen in the Public Works Department will be held in December, 1967. The wages attached to the post are 146/- per week rising by 3/9 per week biennially to 165/-. In addition the 8% increase is also payable.

2. Candidates must:—

i) be free from any physical or mental defect or disease likely to interfere with the proper discharge of their duties;

ii) be of good moral character (a police certificate of conduct should accompany the application);

iii) be over 18 years of age and below 40 years of age on the last day fixed for the receipt of applications, (a birth certificate should be produced);

iv) be citizens of Malta;

v) be in possession of a Mason's licence.

3. Applications for nomination to sit for the examination, accompanied by a fee of 15/-, will be received by the Registrar of Examinations, Department of Education, Valletta, not later that 5 p.m. of Friday, 24th November, 1967. Application forms (the only admissible) may be obtained from the Registrar of Examinations from Monday, 13th November, 1967.

4. The subjects of the examination will be:—

### PART I

Compulsory

| | Max. | Min. |
|---|---|---|
| i) Languages: | | |
| a) English — Composition, including letter-writing: Translation from Maltese. | | |
| b) Maltese—Translation from English ... ... | 200 | 100 |

| | Mass. | Min. |
|---|---|---|
| ii) Prinċipji Elementari ta' Mensurazzjoni u Mekkaniki. | | |
| a) Mensurazzjoni Elementari — Plane figures, rettangli, ċrieki, arki, setturi, partijiet, Arei ta' poligoni, Simpson's Rule; Solidi, rettangulari, kubi, prismi, ċilindri, piramidi, cones, sferi, riċerki, frusta ta' cones, sferi, piramidi u cones. Uċuh ta' ċilindri, cones, piramidi, sferi, is-sistemi Maltin, Ingliżi u Metriċi ta' l-użin u l-miżuri u l-konnessjoni ta' wieħed għall-ieħor. | | |
| b) Mekkanika Elementari ħafna — Komponiment u riżoluzzjoni ta' forces, parallel forces, moments, couples; Ċentru ta' gravità; Xogħol; Makni; The Balance; lever, pulleys, screw, rota u fus ... ... ... | 100 | 50 |
| iii) Prinċipji Ġenerali ta' Surveying u Livellar—Steel u linen tapes, ranging rods, crosstaff, method of chaining, chaining over obstacles, ranging, post obstacles, metodi ta' kif wieħed iżomm in-noti, fieldbook, ipplottjar ta' surveys sempliċi. Miżuri, kalkoli ta' arei minn pjanti u field notes, boning rods, gradients, is-settjar ta' kurvaturi sempliċi, ismijiet ta' l-istrumenti prinċipali ta' Surveying ... | 100 | 50 |
| iv) General knowledge ta' Liġijiet Sanitarji u Bini elementari, inklużi Pedamenti, Shoring, Twaqqif ta' Ħitan u Soqfa — Liġijiet Sanitarji Lokali, kwalitajiet ta' ġebla lokali, madum tas-siment, terrazzi tad-deffun, ġir, ramel, taħlit tas-siment, Pedamenti — fuq blat solidu, | | |

| | Max. | Min. |
|---|---|---|
| ii) Elementary Principles of Mensuration and Mechanics: | | |
| a) Elementary Mensuration — Plane figures, rectangles, circles, arcs, sectors, segments, Areas of polygons, Simpson's Rule. Solids, rectangulars, cubes, prisms, cylinders, pyramids, cones, spheres, rings, frustra of pyramids and cones. Surfaces of cylinders, cones, pyramids, spheres. The Maltese, English and Metric Systems of weights and measurements and conversion of one to the other. | | |
| b) Very Elementary Mechanics — Composition and resolution of forces, parallel forces, moments, couples; Centre of gravity; Work; Machines; The Balance; Lever, pulleys, screw, wheel and axle ... ... | 100 | 50 |
| iii) General Principles of Elementary Surveying and Levelling — The steel and linen tapes, ranging rods, crosstaff, methods of chaining, chaining over obstacles, ranging post obstacles, methods of keeping notes, field-book, plotting simple surveys. Scales, calculation of areas from plans and field notes, boning rods, gradients, setting of simple curves, names of the principal surveying instruments ... | 100 | 50 |
| iv) General Knowledge of Sanitary Laws and of Elementary Building Construction including Foundations, Shoring, Erection of Walls and Roofs — Local Sanitary Laws and Regulations. Local Building methods, properties of local Stone, cement tiles, diffone ter- | | |

| | Mass. | Min. |
|---|---|---|
| made-up ground, ramel, Shoring, centering. | | |
| Eżamijiet sempliċi tal-konkrit għall-kompressjoni; prekawzjonijiet u preparazzjonijiet għat-taħlit, depożitar ta' konkrit fuq pedamenti, art, travi u xorok, formwork, pożizzjoni ta' reinforcement bars of fabric. R.S.J.'s sections użati fix-xogħol ta' l-injam użati fil-bini komuni, minċotti sempliċi użati fix-xogħol ta' l-injam u joinery ... | 100 | 50 |
| v) Kwantitajiet, Stimi u Sketching — Kwantitajiet minn pjanti ta' strutturi ta' daqs medju. Prezzijiet korrenti għax-xogħlijiet, ħitan, konkos, soqfa, pavimenti, eċċ., preparazzjoni ta' bills of quantities, abbozzi ta' pjanti, elevazzjonijiet u partijiet ta' bini żgħir. Dettalji ta' features u mouldings arkitettorali importanti ... | 100 | 50 |
| **PARTI II** | | |
| vi) Intervista — Eżami prattiku li jsir fuq siti ta' xogħlijiet. | | |
| Il-punti jingħataw għal kwalitajiet personali u intelliġenza ... ... ... | 60 | — |

5. Il-Kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mis-Suġġetti ta' Parti I jitqiesu illi weħlu fl-eżami. Parti II ta' l-eżami tiġi miftuħa biss għal kandidati li jkunu għaddew f'Parti I ta' l-eżami.

6. L-eżami għandu jkun immexxi minn ġurija taħt id-direzzjoni tal-Ġurija ta' l-Eżamijiet Lokali.

7. Il-Ġurija ta' l-Eżamijiet Lokali għandu jkollha s-setgħa li tittratta som-

| | Max. | Min. |
|---|---|---|
| races, lime, sand, cement —aggregates, Foundations —on solid rock, made-up ground, sand. Shoring centering. | | |
| Simple Tests of concrete for compression, reinforced concrete, precautions and preparations for mixing, depositing concrete on foundations, floors, beams and slabs, formwork, position of reinforcement bars of fabric. R.S.J.'s sections used in common dwellings, simple joints used in carpentry and joinery ... ... ... | 100 | 50 |
| v) Quantities, Estimates Sketching — Taking quantities from plans of medium sized structures. Current prices for works, walls, concrete, roofs, pavements, etc., preparation of bills of quantities, sketches of plans, elevations and sections of small buildings. Details of important architectural features and mouldings ... | 100 | 50 |
| **PART II** | | |
| vi) Interview — A practical test to be conducted on sites of works. | | |
| Marks will also be awarded for personal qualities and intelligence ... | 60 | — |

5. Candidates who fail to obtain a pass mark in any of the part I Subjects shall be deemed to have failed in the examination. Part II of the examination will be open only to candidates who have been successful in the Part I examination.

6. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Examinations.

7. The Board of Local Examinations shall have power to deal summarily with

marjament ma' kull kandidat illi waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġieba ħażina jew ta' xi ksur ta' struzzjonijiet biex jiggwidaw il-kandidati.

8. L-impjegati tal-Gvern jiġu allokati marka addizzjonali għal kull tliet xhur kompluti servizz mal-Gvern suġġett għal massimu ta' 48 marka.

9. L-ordni finali tal-meriti għandu jkun determinat mill-marki totali akkwistati fl-eżami kollu. Fil-każ ta' kandidati li jingħataw l-istess numru ta' marki s-servizz ta' qabel mal-Gvern, u jekk dan ma jkunx fattur deċiżiv, l-età tittieħed f'konsiderazzjoni biex tiġi iffissata l-preċedenza għan-nomina u l-anzjanità. L-ordni tal-mertu tiġi stabbilita f'dan is-sens.

10. Ir-riżultat ta' l-eżami għandu jkun validu għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

8. Serving Government employees will be alloted an additional mark for each completed 3 months of service with Government subject to a maximum of 48 marks.

9. The final order of merit shall be determined by the total marks gained in the whole examination. In the case of candidates who are awarded the same number of marks, previous service with Government, and, if this will not form an establishing factor, age will then be taken into account in fixing priority for appointment and seniority. The order of merit will be established accordingly.

10. The result of the examination shall be valid for the period of twelve months from the date of publication.

24th October, 1967.

---

### Applikazzjonijiet għall-Post ta' Nursery Assistants Nisa Temporanji

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni javża illi applikazzjonijiet jiġu milqugħin minnu, f'141, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 1967 għall-postijiet ta' *Nursery Assistants* Nisa Temporanji biex jagħmlu servizz mat-Taqsima ta' Edukazzjoni Speċjali għall-Inkapaċitati.

2. Il-kandidati magħżulin ikunu meħtieġa biex jaħdmu taħt is-sorveljanza ġenerali ta' *class teachers* kwalifikati u jkunu mistennija biex jagħmlu dawn id-doveri ma' tfal/kbar li jsofru minn gradi ta' inkapaċità fiżika u/jew mentali:—

(i) Sorveljanza matul trasport lejn u lura mill-iskola u f'okkażjonijiet oħra meta jsir trasport ta' l-inkapaċitati.

(ii) Għajnuna ġenerali ma' tfal inkapaċitati matul sessjonijiet ta' l-iskola kif ukoll għajnuna u sorveljenza

### Applications for the Post of Temporary Women Nursery Assistants

The Director of Education notifies that applications will be received by him, at 141, St Christopher Street, Valletta, not later than 11th November, 1967 for the posts of Temporary Women Nursery Assistants to do duty with the Special Education Section for the Handicapped.

2. Selected candidates will be required to work under the general supervision of qualified class teachers and will be expected to perform the following duties with children/adults suffering from various degrees of physical and/or mental handicap:—

(i) Supervision during transport to and from school and upon other occasions when transport of the handicapped is undertaken.

(ii) General help with handicapped children during school sessions including help and supervision during

waqt ikliet, *toileting,* meta t-tfal ikunu qegħdin jilbsu jew jinżgħu u l-kura ġenerali ta' l-istudent l-aktar inkapaċitat fil-klassi taħt is-sorveljenza ġenerali tal-*Headteacher* u/jew *teachers.*

(iii) Iż-żamma ġenerali tad-dixxiplina waqt il-klassi u sessjonijiet tal-logħob. F'ċerti ċirkostanzi n-*Nursery Assistants* ikunu meħtieġa biex jieħdu ħsieb numru żgħir ta' tfal inkapaċitati ħafna, għal darb'oħra taħt is-sorveljanza ġenerali tal-*Headteacher* jew *class teacher.*

3. Il-kandidati għandu jkollhom kwalifiki ekwivalenti għall-Ħames Klassi ta' l-Iskejjel Sekondarji — (G.C.E. Standard), u huwa mixtieq li jkollhom esperjenza ma' tfal żgħar.

4. In-nomina tkun fuq bażi temporanja u ma tagħtix eliġibiltà għal xi pensjoni jew *allowance* għal meta wieħed jirtira. Il-kandidati magħżulin ikunu meħtieġa li jiddimettu mill-kariga tagħhom meta jiżżewġu.

5. Is-salarju konness mal-post ikun bir-rata ta' £328 fis-sena kif ukoll 5% ta' £410 (ir-rata ekwivalenti ta' l-irġiel) b'seħħ mill-1 ta' April ta' kull sena sakemm tintlaħaq parità mar-rata ta' l-irġiel, kif ukoll żieda ta' 4% li ġiet approvata dan l-aħħar.

6. Il-kandidati magħżulin ikunu jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

7. L-ebda kandidata ma tkun eliġibbli għan-nomina jekk ma tkunx:—

(i) ħielsa minn kull difett fiżiku jew mentali li x'aktarx jista' jfixkilha fil-qadi sewwa tad-doveri tagħha;

(ii) ta' karattru morali tajjeb;

(iii) ċittadina ta' Malta;

(iv) laħqet it-tmintax-il sena u ma tkunx 'il fuq minn 40 sena fid-data ta' l-egħluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

8. Ma' l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu ċertifikati tat-twelid u tal-kondotta kif ukoll xi ċertifikati li juru kwalifiki u esperjenza.

L-24 ta' Ottubru, 1967.

meals, toileting, dressing and undressing and the general care of the more severely handicapped pupil in class under the overall supervision of the Headteacher and/or teachers.

(iii) General maintenance of discipline during class room and play sessions. In some instances Nursery Assistance will be required to take charge of a small number of severely handicapped children, again under the overall supervision of the Headteacher or class teacher.

3. Candidates should possess qualifications equivalent to Class V Secondary School — (G.C.E. Standard), and experience with young children is desirable.

4. The appointment will be on a temporary basis and will not confer eligibility for any person or retiring allowance. The selected candidates will be required to resign their appointment upon marriage.

5. The salary attached to the post will be at the rate of £328 per annum plus 5% of £410 (the equivalent male rate) with effect from 1st April of each year until parity with the male rate is reached, plus 4% increase recently approved.

6. Selected candidates will be liable to transfer according to the exigencies of the Public Service.

7. No candidate will be eligible for appointment unless she:—

(i) is free from any physical or mental defect likely to interfere with the proper discharge of her duties;

(ii) is of good moral character;

(iii) is a citizen of Malta;

(iv) will have reached her eighteenth birthday and is not over 40 years of age on the closing date for applications.

8. Applications should be accompanied by certificates of birth and conduct and by copies of any certificates showing qualifications and experience.

24th October, 1967.

## Post ta' 'Engine Driver' fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni javża li f'Diċembru, 1967, se jsir eżami bil-miktub u Prattiku għan-nomina ta' *Engine Driver* temporanju wieħed jew iżjed fl-Istazzjonijiet għall-Ippumpjar tad-Drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

2. Il-post ta' *Engine Driver* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ma huwa fuq "ebda stabbiliment", u għandu skala ta' paga ta' 138/6 fil-ġimgħa li jitla' b'żidiet kull sentejn ta' 3/9 fil-ġimgħa sa 156/6 fil-ġimgħa. Flimkien ma' dan titħallas iż-żieda ta' 8%.

3. *ELIĠIBILTA'* — L-eżami huwa miftuħ għall-kandidati adattati kollha li, fid-data finali iffissata biex jaslu l-applikazzjonijiet, ikollhom il-Liċenza ta' *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) Grad II u li barra minn dan ikollhom ħames snin esperjenza prattika fit-tiswijiet lil, u manutenzjoni ta', Makkinarju jew makni tas-sewqan.

4. L-applikanti għandhom: —

(i) ikunu għalqu l-ħamsa u għoxrin sena iżda mhux il-ħamsa u erbgħin sena fl-aħħar ġurnata iffissata biex jaslu l-applikazzjonijiet;

